

12.3.2012

B7-0135/2012 }
B7-0140/2012 }
B7-0141/2012 }
B7-0142/2012 }
B7-0143/2012 } RC1/Am. 4

Emenda 4

Paul Murphy

fi sem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR
Il-Kazakistan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

C. billi fis-17 ta' Frar 2012 *il-President* tal-Kazakistan *iffirma bosta liġijiet bl-għan li tūjjeb il-bażi legali għar-relazzjonijiet tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema u d-djalogu soċjali u sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura;*

Emenda

C. billi, *il-liġijiet iffirmati* fis-17 ta' Frar 2012 *mill-President* tal-Kazakistan, *b'mod partikolari l-emendi tal-Kodiċi tax-Xogħol, jirrappreżentaw pass lura gravi fil-qasam tar-relazzjonijiet tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema u d-djalogu soċjali, minħabba li l-Artikoli emendati 55 u 74 jippermettu t-tkeċċija ta' ħaddiema li jkunu involuti f'azzjoni ta' strajk, l-Artikolu emendat 185 inaqqas id-drittijiet tan-nisa tqal, l-Artikolu emendat 266 inaqqas id-drittijiet għal negozjati kollettivi, l-Artikolu emendat 284 ineħħi r-rekwiżit li min iħaddem jipprovdi assigurazzjoni medika, l-Artikolu emendat 287 ineħħi r-restrizzjoni dwar it-tkeċċija ta' rappreżentanti tat-trejdjunjins waqt negozjati ta' strajk, l-Artikolu emendat 289 jagħmilha iktar diffiċli għat-trejdjunjins biex jieħdu deċiżjoni ta' azzjoni ta' strajk, l-Artikolu emendat 303 jippermetti li l-qrati jintervjenu f'każ ta' tilwim tax-xogħol biex jiddikjaraw l-istrajks illegali, u l-Artikolu emendat 305 jillegalizza l-"lock-outs", u dan ikompli juri li filwaqt li l-Gvern tal-Kazakistan qed jippreżenta l-liġijiet ġodda tiegħu*

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

*daqslikieku qed jallinjaw il-pajjiż mal-
aħjar Prattiki Internazzjonali u Moderni,
huwa qiegħed jikser, xjentement u
intenzjonalment, ħafna mill-
kundizzjonijiet meħtieġa mill-ILO u minn
konvenzjonijiet internazzjonali oħrajn;*

Or. en

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

12.3.2012

B7-0135/2012 }
B7-0140/2012 }
B7-0141/2012 }
B7-0142/2012 }
B7-0143/2012 } RC1/Am. 5

Emenda 5

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat
fisem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR
Il-Kazakistan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

G. billi *madwar* 43 persuna ġew arrestati *sa minn Diċembru 2012* u qed jiffaċċaw akkużi li jinvolvu sentenzi ta' sa sitt snin priġunerija, fosthom mexxejja prominenti u attivisti mill-istrajk tal-ħaddiema taż-żejt, inklużi Talat Saktaganov, Roża Tuletaeva *u* Natalya Azhigalieva; billi numru ta' żgħażaġh *akkużati b'attivitajiet Iżlamisti* ġew arrestati fil-belt ta' Uralsk fit-3 ta' Frar 2012 fuq suspett li qed jorganizzaw diżordni tal-massa f'Zhanaozen;

Emenda

G. billi, *skont l-informazzjoni mill-Kumitat ta' Investigazzjoni tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni, mill-inqas* 43 persuna ġew arrestati u qed jiffaċċaw akkużi li jinvolvu sentenzi ta' sa sitt snin priġunerija, fosthom mexxejja prominenti u attivisti mill-istrajk tal-ħaddiema taż-żejt, inklużi Talat Saktaganov, Roża Tuletaeva, Natalya Azhigalieva, *Akzhanat Aminov, Yestai Karashaev, Aiman Ongarbaeva, Zhanara Saktaganova, Maksat Dosmagambetov u oħrajn*; billi numru ta' żgħażaġh *Musulmani nonkonformisti* ġew arrestati *mill-Kumitat tas-Sigurtà Nazzjonali (KNB)* fil-belt ta' Uralsk fit-3 ta' Frar 2012 fuq suspett li qed jorganizzaw diżordni tal-massa f'Zhanaozen;

Or. en

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

12.3.2012

B7-0135/2012 }
B7-0140/2012 }
B7-0141/2012 }
B7-0142/2012 }
B7-0143/2012 } RC1/Am. 6

Emenda 6

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat
fisem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR
Il-Kazakistan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

P. billi tul dawn l-aħħar xahrejn, il-partiti tal-oppożizzjoni u l-organizzazzjonijiet Alga, Ażat u l-Moviment *Soċjalist* tal-Kazakistan, midja indipendenti inklużi l-ġurnali *Vzglyad*, *Golos Republik* u *Respublika* u l-istazzjon televiżiv bis-satellita *STAN TV*, u trejtdjunjins indipendenti inkluża l-junjin *Zhanartu* u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili kienu fil-mira ta' repressjoni intensifikata, filwaqt li ġew detenuti, inter alia, il-mexxej tal-partit *Alga Vladimir Kozlov* u l-editur kap tal-ġurnal *Vzgyad*, *Igor Vinyavski*; billi fit-28 ta' Jannar madwar 1000 persuna f'*Almaty* ħadu sehem fi protesta mhux awtorizzata kontra r-repressjoni, u talbu lill-awtoritajiet biex itemmu l-persekuzzjoni politika;

Emenda

P. billi tul dawn l-aħħar xahrejn, il-partiti tal-oppożizzjoni u l-organizzazzjonijiet Alga, Ażat u l-Moviment *Soċjalista* tal-Kazakistan, midja indipendenti inklużi l-ġurnali *Vzglyad*, *Golos Republik* u *Respublika* u l-istazzjon televiżiv bis-satellita *STAN TV*, u trejtdjunjins indipendenti inkluża l-junjin *Zhanartu* u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili kienu fil-mira ta' repressjoni intensifikata, filwaqt li ġew detenuti, inter alia, il-mexxej tal-partit *Alga Vladimir Kozlov*, l-editur kap tal-ġurnal *Vzgyad*, *Igor Vinyavski*, *il-mexxejja tal-partit OSDP/Ażat Bolat Abilov* u *Amirzhan Kosanov*, u l-attivista prominenti favur id-drittijiet tal-ħabsin *Vadim Kuramshin*, kif ukoll it-tnedija ta' *investigazzjonijiet kriminali kontra l-mexxej tal-Moviment Soċjalista tal-Kazakistan*, *Ainur Kurmanov*, u l-mexxej tat-trejtdjunjin *Zhanartu*, *Esenbek Ukteshbayev*; billi fit-28 ta' Jannar madwar 1.000 persuna f'*Almaty* ħadu sehem fi protesta mhux awtorizzata kontra r-repressjoni, u talbu lill-awtoritajiet biex

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

itemmu l-persekuzzjoni politika;

Or. en

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

12.3.2012

B7-0135/2012 }
B7-0140/2012 }
B7-0141/2012 }
B7-0142/2012 }
B7-0143/2012 } RC1/Am. 7

Emenda 7

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat
fisem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR
Il-Kazakistan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Emenda

1. Jenfasizza l-importanza tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kazakistan u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni politika u ekonomika, li tinkludi oqsma strateġiċi bħalma huma d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent, l-enerġija, il-kummerċ u t-trasport kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-drogi; jenfasizza li s-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata minn kooperazzjoni ikbar, laqgħat ta' livell għoli frekwenti u l-bidut tan-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġdid;

1. Jenfasizza li, fid-dawl tal-passi lura sinifikanti meħuda mill-Gvern tal-Kazakistan fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-priġunieri, l-istat tad-dritt, id-demokrazija elettorali, il-libertajiet demokratiċi u l-libertà tal-midja u fid-dawl tal-arrestu fuq skala kbira ta' attivisti tal-oppożizzjoni, in-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni l-ġdid ma għandhomx jiġu attivati mill-ġdid sakemm ma jsirx progress sinifikanti fuq dawn il-kwistjonijiet mill-Gvern tal-Kazakistan;

Or. en

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

12.3.2012

B7-0135/2012 }
B7-0140/2012 }
B7-0141/2012 }
B7-0142/2012 }
B7-0143/2012 } RC1/Am. 8

Emenda 8

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat
fisem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR
Il-Kazakistan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

9. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kazakistan biex jagħmlu kull sforz biex itejbu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżhom; jissottolinja li progress fin-negożjati tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġdid u mtejjeb bejn l-UE u l-Kazakistan għandu jiddependi mill-progress tar-riformi politiċi; iħeġġeġ lill-Kazakistan iżomm l-impenn *mistqarr* tiegħu favur riformi ulterjuri, sabiex tinbena soċjetà miftuħa u demokratika *li tkun tinkludi oppożizzjoni u soċjetà* ċivili indipendenti, *fir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt*;

AM\895660MT.doc

Emenda

9. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kazakistan biex jagħmlu kull sforz biex itejbu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżhom; jissottolinja li *kwalunkwe* progress fin-negożjati tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġdid u mtejjeb bejn l-UE u l-Kazakistan għandu jiddependi mill-progress tar-riformi politiċi; iħeġġeġ lill-Kazakistan iżomm l-impenn *awtodikjarat* tiegħu favur riformi ulterjuri, sabiex tinbena soċjetà miftuħa u demokratika *li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tax-xogħol u li fiha l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà* ċivili indipendenti, *l-organizzazzjonijiet u l-partiti tal-oppożizzjoni u t-trejdjunjins indipendenti jkunu jistgħu joperaw mingħajr vessazzjonijiet, jinnota li mill-aħħar elezzjonijiet leġiżlattivi hemm tliet partiti, kollha leali lejn il-President Nazarbajev, rappreżentati fil-parlament il-ġdid; jiddispjaċih li numru ta' partiti tal-oppożizzjoni għadhom mhux qed jitħallew jirreġistraw u għalhekk sejhju bojkott tal-elezzjonijiet ta' Jannar; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kazakistan*

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

*jimplimentaw ir-riformi ulterjuri
meħtieġa biex jiġu żgurati elezzjonijiet
ġenwinament pluralistiċi u biex
jappoġġaw il-funzjonament tal-midja
indipendenti, it-trejdjunjins indipendenti
u l-attivitajiet tal-NGOs;*

Or. en

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

12.3.2012

B7-0135/2012 }
B7-0140/2012 }
B7-0141/2012 }
B7-0142/2012 }
B7-0143/2012 } RC1/Am. 9

Emenda 9

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat
fisem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR
Il-Kazakistan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

10. *Jilqa' t-tibdil legali ta' dawn l-aħħar xhur bl-għan li jkabbru l-firmxa ta' partiti li jistgħu jippreżentaw kandidati parlamentari*; jinnota li sa mill-aħħar elezzjonijiet leġislattivi, tliet partiti ġew rappreżentati fil-parlament il-ġdid; jiddispjaċih għall-fatt li għadd ta' partiti tal-oppożizzjoni mhux qed jitħallew jirreġistraw, *u jħeġġeġ* lill-awtoritajiet tal-Kazakistan *iwettqu r-riformi* ulterjuri meħtieġa biex ikunu żgurati elezzjonijiet ġenwinament pluralistiċi u sabiex ikunu appoġġati l-funzjonament tal-midja indipendenti u l-attivitajiet tal-NGOs;

Emenda

10. Jinnota li sa mill-aħħar elezzjonijiet leġislattivi tliet partiti, *kollha leali lejn il-President Nazarbayev*, ġew rappreżentati fil-parlament il-ġdid; jiddispjaċih għall-fatt li numru ta' partiti tal-oppożizzjoni *għadhom* mhux qed jitħallew jirreġistraw *u għalhekk se jhu bojkott tal-elezzjonijiet ta' Jannar*; *iħeġġeġ* lill-awtoritajiet tal-Kazakistan *jimplimentaw ir-riformi* ulterjuri meħtieġa biex ikunu żgurati elezzjonijiet ġenwinament pluralistiċi u sabiex ikunu appoġġati l-funzjonament tal-midja indipendenti, *it-trejdjunjins indipendenti* u l-attivitajiet tal-NGOs;

Or. en

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1

12.3.2012

B7-0135/2012 }
B7-0140/2012 }
B7-0141/2012 }
B7-0142/2012 }
B7-0143/2012 } RC1/Am. 10

Emenda 10

Paul Murphy, Marie-Christine Vergiat
fisem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR
Il-Kazakistan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

13. Jesprimi r-rabja tiegħu dwar ***il-fatt li*** mexxejja tal-oppożizzjoni ***u*** ġurnalisti ***ilhom miżmuma l-ħabs sa minn Jannar 2012***, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Kazakistan iwaqqfu t-trażżin tal-oppożizzjoni u tal-midja indipendenti fil-pajjiż, u jeħilsu lill-persuni kollha li ntbagħtu l-ħabs għal raġunijiet politiċi, inkluż il-mexxej tal-partit Alga, Vladimir Kozlov, l-editur kap tal-gazzetta Vzglyad, Igor Vinyavskiy, ***u l-avukat tal-ħaddiema tas-settur taż-żejt li qed jistrakjaw, Natalia Sokolova***, kif ukoll il-persuni kollha msemmija f'dikjarazzjonijiet reċenti tal-UE fil-Kunsill Permanenti tal-OSKE li għadhom detenuti; ***jitlob li s-Sur Kozlov jingħata aċċess għall-familja immedjata tiegħu, inkluża martu, u għal valutazzjoni indipendenti tal-kundizzjoni medika tiegħu;***

Emenda

13. Jesprimi r-rabja tiegħu dwar ***l-inkarċerazzjoni ta'*** mexxejja tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, ***trejtdjunjonisti u attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem***, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Kazakistan iwaqqfu t-trażżin tal-oppożizzjoni u tal-midja indipendenti fil-pajjiż, u jeħilsu lill-persuni kollha li ntbagħtu l-ħabs għal raġunijiet politiċi, inkluż il-mexxej tal-partit Alga, Vladimir Kozlov, l-editur kap tal-gazzetta Vzglyad, Igor Vinyavskiy, ***u l-attivista favur id-drittijiet tal-ħabsin, Vadim Kuramshin***, kif ukoll il-persuni kollha msemmija f'dikjarazzjonijiet reċenti tal-UE fil-Kunsill Permanenti tal-OSKE li għadhom detenuti; ***jinnota d-deċiżjoni tal-Qorti Suprema li tnaqqas is-sentenza tal-avukat tal-ħaddiema tas-settur taż-żejt li qed jistrakjaw, Natalia Sokolova, u r-rilaxx tagħha mill-ħabs, iżda jinsisti li l-akkużi kollha kontriha għandhom jaqgħu;***

Or. en

AM\895660MT.doc

PE483.186v01-00 }
PE483.191v01-00 }
PE483.192v01-00 }
PE483.193v01-00 }
PE483.195v01-00 } RC1